MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009

Numru. 569/2007

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Noel Tanti**
**Anthony Tanti**

Kumpilazzjoni Nru: 569/2007

Illum 16 ta’ Marzu 2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

Noel Tanti ta’ 41 sena, iben Tarcisio u Emanuela nee’ Mizzi, imwieled Pieta` nhar it-23 ta’ Gunju, 1967 u residenti 67, ‘Memories’, Triq Dun Vincenz Saliba, Tal-Qattus Birkirkara, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 274667M; u

Anthony Tanti ta’ 36 sena, iben Tarcisio u Emanuela nee` Mizzi, mwieled Pieta` fit-23 ta’ Gunju, 1967, u residenti ‘Dolomite Court’, Flat 4, Triq Sant’ Aristarku, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru: 378571M.

Akkuzati talli:

Fis-7 ta’ Dicembru, 2006, u fil-granet ta’ qabel fil-Belt Valletta u bnadi ohra f’ dawn il-gzejjer, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalhom jew ghal haddiehor, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz.

Aktar talli taht l-istess cirkustanzi, b’ mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, billi nqdew b’ qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ ohra sabiex ggielu titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ bi hsara ta’ haddiehor.

Lil Noel Tanti wahdu:

Talli b’ hekk jitqies li sar ricediv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie kkundannat ghal reati b’ diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati li saru definittivi.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill kull wiehed mill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti ai termini ta’l-artikoli:

a) 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta;
c) 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta;
d) 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta

e) 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici; jirrizultaw ampjament u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom. Fil-qosor jistghu jigu riassunti bis-segwenti mod:

- L-imputati huma ahwa.
- L-imputat Noel Tanti huwa mizzewweg; martu jisimha Sylvana. Izzewwgu fid-29 ta’ Lulju 1990.
- Il-konjugi Tanti kellhom negozju tal-pastizzi; l-ewwel kellhom hanut San Gwann u mbaghad akkwistaw hanut iehor San Giljan. Il-hanut ta’ San Giljan kienu jokkupawh b’titolu ta’lokazzjoni minghand Maria Perrett. Iz-zewg hwienet kienu koperti bil-licenzja relattiva mahruga mid-Divizjoni tal-Kummerc.
- Kemm l-akkwist tal-fond, kif ukoll il-hrug tal-licenzja relativa ghall-fond sitwat f’San Giljan, sehhew meta kienet vigenti bejn il-konjugi Tanti il-komunjoni ta’l-akkwisti.
- Fis-sena 2004 il-konjugi Tanti bdew jghixu separatament minn xulxin u fit-30 ta’ Awissu 2004 Sylvana Tanti bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni pesonali[1]. F’Novembru 2007 il-kawza ghas-separazzjoni personali zgur li kienet ghada pendenti[2] u jidher li ghada pendenti sa llum.
- F’l-14 ta’ April 2005, cioe waqt il-pendenza tal-kawza ghas-separazzjoni personali, l-imputat Noel Tanti ittermina l-lokazzjoni fuq il-fond imsemmi u kontestwalment sar kunttrat ta’lokazzjoni bejn is-sid u hu Noel Tanti cioe l-imputat l-iehor Antoine Tanti.

[1] Ref ittra a fol 44 tal-process.
[2] Ref verbal tal-Qorti tal-Familja a fol 52.

- Fit-8 ta' Lulju 2005 Sylvana Tanti kitbet lid-Divizjoni tal-Kummerc biex tinfurmahom li hija u zewgha kien qed jisseparaw u li kienet qed tissusspetta li zewgha kien ser jipprova jitrasferixxi l-licenzja tal-hwienet u li hi ma kenitx qed taghti l-kunsens taghha ghal dan it-trasferiment.
- Fil-fatt f'l-10 ta' Novembru 2006, ukoll waqt il-pendenza tal-kawza tas-separazzjoni personali, l-imputat Noel Tanti applika biex il-licenzja tal-hanut ta' San Giljan tigi trasferieta lil huh, l-imputat l-iehor Antoine Tanti.
- F'din l-applikazzjoni, li giet firmata miz-zewg imputati, Noel Tanti iddikjara li huwa separat.
- Il-licenzja giet trasferieta favur Antoine Tanti fis-7 ta' Dicembru 2006.
- Noel Tanti kien jiggestixxi in-negozju bhala self employed u huh Antoine kien impjegat tieghu; meta sar it-trasferiment in-negozju beda jigi gestiet f'isem Antoine Tanti u Noel gie registrat bhala impjegat tieghu.

Illi ai termini tan-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta' l-Avukat Generali r-reati addebietati lil kull wiehed mill-imputati huma dikjarazzjoni jew taghrif falz lil xi awotrita pubblika, truffa jew frodi innominata, u ragjon fattasi; huma akkuzati ukoll li huma recidivi.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-ewwel imputazzjoni fuq il-fatt li f'l-applikazzjoni ghat-trasferiment tal-licenzja tal-hanut f'San Giljan hemm dikjarazzjoni li Noel Tanti huwa separat meta fil-fatt huwa ma kienx separat.

Illi d-difieza qed tissottometti li la darba Noel Tanti u martu kienu qed jghixu separatment minn xulxin u allura "de facto separati" huwa m'ghamilx dikjarazzjoni falza. Id-difieza tissottometti ukoll li l-imputat kien jikkunsidra lilu nnifsu separat u li l-Ligi taghna taghti rikonoxximent legali lis-separazzjoni de facto; gew anke kwotati xi sentenzi mid-difieza f'tentattiv li jsostni din l-asserzjoni.

Illi f'l-ewwel sentenza kwotata mid-difieza l-Qorti tat piz probatrju lill-fatt li kopja kienu qed jghixu separati minn

xulxin fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar l-effett ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, fil-konfront tat-terz kreditur, minn wiehed mill-konjugi fuq il-konjugi l-iehor fir-rigward ta' dejn kontrattat waqt dan il-perjodu ta' separazzjoni de facto.

Illi l-kawza l-ohra kwotata mid-difieza hija kawza ta' paternita. F' dawn it-tip ta' kawzi fejn tigi diskussa l-paternita ta' tarbija li twieldet lil mara mizzewwga allegatament mhux ta' zewgha, l-allontananza tal-konjugi minn xulxin hija mhux biss fattur relevanti imma f'xi cirkostanzi addirittura essenzjali biex tirrnexxi l-azzjoni.

Illi r-realta hi li hadd ma jista jichad li hemm diversi kazijiet fejn persuni mizzewwga jkunu qed jghixu separatament minn xulxin, u hadd ma jista jinnega li meta jirrizulta, dan l-istat ta' fatt jista, flimkien ma kwalunkwe fatt iehor relevanti ghal xi kaz partikolari, jittiehed in konsiderazzjoni f'kwalunkwe pendenza quddiem il-Qrati taghna u jinghata dak il-piz probatorju opportun skond ic-cirkostanzi. Hekk fil-fatt gara fil-kawzi kwotati mid-difieza. Dan pero ma jfissirx li l-Ligi taghna tirrikonoxxi s-separazzjoni de facto bhala status civili.

Illi fil-fatt l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet biex jiddikjaraw dan f'sentenzi li d-difieza naturalment ma kwotatax. Per ezempju l-Qorti ta' l-Appell Civili presedjuta mis-STO Prof Sir Anthony Mamo qalet li *bis-separazzjoni personali de facto,* ***li mhiex rikonoxxuta mil-Ligi***[3]*, il-missier ma jitlifx d-drittijiet tieghu ta' patria potesta*[4]*.*

Illi l-istess qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili: ... *stat ta' separazzjoni di fatto,* ***li mhiex rikonoxxuta mill-Ligi***[5]*, ir-ragel ma jistax bis-sahha tal-patria potesta jitlob li martu tikkonsenjalu l-ulied komuni*[6].

Illi fil-fatt is-separazzjoni de facto ma jista jkollha l-ebda effett fuq l-ezistenza tal-komunjoni ta'l-akkwisti ezistenti

---

[3] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[4] Ref  Alfred Cssano vs Violet Cassano deciza 22.11.1963.
[5] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[6] Ref Gio Maria Bartolo vs Emmanuela Bartolo deciza 30.04.1964.

bejn il-konjugi hekk kif is-separazzjoni de facto wahedha m'ghandha l-ebda effett fuq d-drittijiet u l-obbligi tal-konjugi fil-konfront ta' xulxin u naxxenti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti.

Illi minn ezami ta'l-atti, inkluz l-istqarrijiet taz-zewg imputati, l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li huma kienu konxji tad-diferenza bejn separazzjoni de facto u separazzjoni legali u li t-tnejn kienu konxji ukoll tal-fatt li kienet mehtiega l-firma ta' Sylvana Tanti biex it-trasferiment tal-licenzja tkun jista ssir. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju ukoll li l-agir ta'l-imputati, propju fil-mori ta-kawza ghas-separazzjoni personali bejn Noel u Sylvana Tanti, kien intiez biex jisvesti l-komunjoni ta'l-akkwisti ezistenti bejn l-imsemmija konjugi Tanti minn assi li kienu jiffurmaw parti minn din il-komunjoni ta'l-akkwisti, u dan b'mod li Noel Tanti seta' jibqa jgawdi indirettament minnhom ad eskluzzjoni ta' martu Sylvana.

Illi d-difieza qed tissottometti ukoll li l-kwistjoni ta'l-istatus ta' Noel Tanti gie dibattut permezz ta' korrispondenza u li f'l-ittra ta'l-Avukat difensur ta' Noel Tanti gie ndikat li l-istat tal-partijiet (Noel u Sylvana Tanti) kien separazzjoni de facto[7]; gie sottomess ukoll li dan kien il-fattur determinati fid-decizzjoni tad-Direttur tad-Divizjoni tal-Kummerc li jaccetta t-talba ghat-trasferiment.

Illi pero l-korrispondenza u d-dibattitu kollu kull ma kienu fir-realta kien ittra ta'l-Avukat ta' Noel Tanti datata 30 ta' Novembru 2006. In oltre f'din l-ittra[8] m'hemm assolutament l-ebda referena ghall-istatus civili ta' Noel u Sylvana Tanti kif hekk kif m'hemm l-ebda referenza ghall-fatt li huma kienu de facto separati. Din l-ittra fil-fatt kull ma tghid hu li l-lokazzjoni tal-fond f'San Giljan gie trasferiet lil Antoine Tanti "due to personal problems" (interessanti li l-awtur ta' din l-ittra ma rreferiex ghal "matrimonial problems" imma biss ghal "personal problems") u li t-trasferiment tal-lokazzjoni sar minghajr l-intervent ta' Sylvana Tanti.

---

[7] Ref l-ahhar paragrafu tat-tielet pagna tan-nota ta' sottomissjonijiet.
[8] Li tifforma parti mill-file esebiet bhala Dok JC1.

Illi fir-realta din l-korrispondenza u kwalunkwe dibattitu li setgha’ sar u x’influenza seta’ kellhom biex id-Direttur tad-Divizjoni tal-Kummerc wasal biex jawtorizza t-trasferiment, u kienx korrett jew zbalat id-Direttur fid-decizzjoni tieghu, huma fatturi rrelevanti ghall-kaz in ezami. F’dan il-kaz dak li qed jigi sindakat huwa l-agir ta’l-imputati u x’dikjarazzjoni saret minnhom mat-talba ghat-trasferiment tal-licenzja.

Illi kif diga ntqal din l-Qorti m’ghandha l-ebda dubju dwar il-konsapevolezza ta’ Noel Tanti li t-tgharif li ta lil Saviour Farrugia kien falz u li d-dikjarazzjoni (miktuba minn Farugia a bazi ta’l-imformazzjoni mghotija lilu minn Noel Tanti) li huwa iffirma kienet falza. Antoine Tanti min-naha l-ohra, konsapevoli ukoll li t-taghrif mghoti u d-dikjarazzjoni maghmula kienu foloz, ghazel li jiffirma l-applikazzjoni hu ukoll u b’hekk issottoscriva ghat-tgharif falz u ghad-dikjarazzjoni falza maghmula. Ghalhekk fil-konfront taz-zewg imputati gie pruvat ir-reat ipotizzat taht l-artikolu 188 tal-Kap 9.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati gew akkuzati ukoll bir-reati ta’ truffa jew frodi innominata kif ukoll bir-reat ta’ ragjon fattasi.

Illi l-elementi essenzjali biex jissussistu dawn ir-reati huma ben stabbiliti fis-sistema guridika taghna. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-agir ta’l-imputati, in kwantu gie dikjarat li Noel Tanti huwa separat f’l-applikazjoni ghat-trasferiment tal-licenzja meta fir-realta ma kienx, ma jikkostitwiex l-elementi rikjesti biex jissussistu ukoll r-reati hawn imsemmija.

Illi l-istess ma jistax jinghad fir-rigward ta’ l-addebietu tar-recidieva.

Illi mill-atti jirrizulta li l-imputat Noel Tanti gie ikkundannat permezz ta’ sentenza datata 29 ta’ Marzu 2006[9] fil-waqt li

[9] Din fil-fatt hija sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali mghotija fuq appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-21 ta’ Frar 2006.

l-imputat Antoine Tanti gie kkundannat fil-5 ta' Ottubru 2006. Konsegwentement il-Qorti hija sodisfatta li z-zewg imputati huma recidievi ai termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-piena applikabbli ai termini ta'l-artikolu 188 hija prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sentejn jew il-multa. B'applikazzjoni ta'l-artikolu 50 tal-Kap 9 il-piena tista tghola bi grad b'konsegwenza li l-multa issir prigunerija ghal massimu ta' tlett xhur.

Illi tenut kont tan-natura tar-reati li taghhom l-imputati nstabu hatja kif ukoll il-fedina penali ta' kull wiehed minnhom l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-imputati ghal multa kif mizjuda bi grad u ghal perjodi li jirifletti d-differenza fil-fedina penali taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **Noel Tanti** hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu ossia dawk indikati fil-paragrafi “b” u “c” tan-nota tar-rinviju ghal-gudizzju ta'l-Avukat Generali, wara li rat l-artikoli 49, 50, u 188 tal-Kp 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-istess Noel Tanti hati ta'l-ewwel u r-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu ossia dawk indikati fil-paragrafi “a” u “d” ta'l-imsemmija nota tar-rinviju ghal-gudizzju u tikkundannah prigunerija ghal perjodu ta' xahrejn.

U fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **Antoine Tanti** hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu ossia dawk indikati fil-paragrafi “b” u “c” tan-nota tar-rinviju ghal-gudizzju ta'l-Avukat Generali, wara li rat l-artikoli 49, 50, u 188 tal-Kp 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-istess Antoine Tanti hati ta'l-ewwel u r-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu ossia dawk indikati fil-paragrafi “a” u “d” ta'l-imsemmija nota tar-rinviju ghal-gudizzju u tikkundannah prigunerija ghal perjodu ta' xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------